# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M, LL.D.

Appell Nru: 268/2016

278/2016

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2021

**Il-Pulizja**

**(Spettur Rennie Stivala)**

**Vs**

**Josef Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Josef Grech detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 267081 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f' xi granet, f' Ottubru 2011 u wara, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmula minnu li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. Bil-hsieb li jwettaq frodi b'eghmil qarrieqi, wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' frodi b' eghmil qarrieqi billi b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza

ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika biex jaghmel qliegh ghalih jew ghal persuni ohra ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu ( €2,329.37 ) ghad-dannu ta' Victor Muscat ( €44,500 );

2. fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f' att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawn l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

3. fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza;

4. sar recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

5. ghamel reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano LL.D. nhar il-5 ta' Mejju 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

6. kiser il-provedimenti ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ( Malta ) Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D. fil-5 ta' April 2011, meta wettaq reat fi zmien il-perjodu ta' tlett snin mis-sentenza, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23 A ( 2 ) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex, f' kaz ta' sejbien ta' htija, tikkundanna lill-imputat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-12 ta' Mejju, 2016, li biha, filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, ma sabitx lill-imputat hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b' hekk illiberatu minnhom, fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni ma ikkunsidratx lill-imputat recidiv *ai termini* tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Josef Grech hati tat-tielet (3), tar-raba' (4) (taht Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta **biss**), tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u filwaqt li gabet fis-sehh is-sentenza ta' tmien xhur prigunerija sospiza, it-terminu ta' liema kien sospiz u sussegwentement estiz, ikkundannat lill-imputat ghal perijodu iehor ta' hames snin prigunerija, biex b' hekk l-imputat kien globalment ikkundannat ghal perjodu ta' hames (5) snin u tmien (8) xhur prigunerija;

Il-Qorti ordnat wkoll lill-hati sabiex, *ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ihallas fi zmien xahar millum l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f' dawn il-proceduri, u cioé is-somma ta' elf, erba' mija u sitta u erbghin Euro u sittax il-centezmu ( €1446.16 ).

Il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tapplika id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23 A ( 2 ) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana *stante* li tul il-prosegwiment tal-kawza ma sar l-ebda accenn ghal din it-talba u *del resto* dawn l-Artikoli ma jirrizultawx fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali;

Rat ir-rikors tal-appell ta' **Josef Grech**, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Mejju, 2016, li bih talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi **thassarha** fejn din sabet lill-imputat hati kwantu t-tielet, ir-raba' (ghal dak li ghandu x' jaqsam ma' l-artiklu 49 tal-Kap. 9), il-hames u is-sitt imputazzjoni u **tikkonfermaha** kwantu ma sabitx htija fl-ewwel, t-tieni u tar-raba' ( ghal dak li ghandu x' jaqsam ma' l-artiklu 50 tal-Kap. 9) u tiddikjarah mhux hati dwarhom u konsegwentement tilliberah skond il-ligi. B'mod sussidjarju fil-kaz ta' sejbien ta' htija, talab piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar kongruwa ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat ukoll ir-rikors tal-appell tal-**Avukat Generali**, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2016, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti jogghobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tvarja** dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitx lill-appellat hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni u minflok issibu hati taghhom u tinflingi l-piena stabbilita skont il-ligi, filwaqt li tikkonfermaha fil-bqija;

Rat l-aggravji tal-imputat;

Rat l-aggravji tal-Avukat Generali;

Semghet ukoll xhud bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dwar din is-sentenza appellaw sia l-imputat kif ukoll l-Avukat Generali. Filwaqt illi l-Avukat Generali jillanja dik il-parti tas-sentenza li fiha l-imputat kien liberat mill-ewwel u t-tieni imputazzjoni, l-imputat jhossu aggravat bil-konkluzzjoni dwar t-tielet imputazzjoni, parti mir-raba' imputazzjoni [*recte*: addebitu], il-hames u s-sitt imputazzjoni u jitlob konferma tal-parti liberatorja, igifieri l-ewwel u t-tieni imputazzjoni. Minkejja li l-imputat jindika li ghandu aggravju wiehed relatat mat-tielet imputazzjoni u li dwaru jressaq ragunamenti enumerati minn wiehed sa tnax, fil-punti numru tlettax sa sittax jintroduci aggravji ta' natura procedurali. Il-punti sbatax sa tmintax imbaghad jitrattaw aggravju dwar il-piena kominata. Ghalhekk ser l-ewwel ikunu konsiderati l-gravami ta' natura procedurali mressqa mill-imputat;

2. Anke hawn, minkejja li l-imputat jirreferi ghall-aggravji ta' natura procedurali, fil-verita' dan huwa aggravju wiehed u jaqra hekk:

**Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ukoll ihossu aggravat illi l-ewwel Onorabbli Qorti skartat minghajr vera gustifikazzjoni l-pregudizzju procedurali mqajjem mill-esponenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu fejn kien espona diversi punti ta' relevanza**.

3. L-imputat ghazel illi jidderigi lill-Qorti tfittex hi dak li kien osserva fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu quddiem l-ewwel Qorti minflok ma elenka hu stess il-punti procedurali li dwarhom qed ifittex rimedju u din il-Qorti ma tistax ma tosservax li kien ikun aktar prudenti u desiderat li l-imputat jesponi l-lanjanza tieghu b'mod dirett fir-rikors tieghu. Ventilat dan, qed issir referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet tieghu quddiem l-ewwel Qorti a fol. 305 tal-atti processwali bis-segwenti osservazzjoni:

**Illi inoltre, l-esponenti jixtieq jirrileva illi l-proceduri li saru fil-konfront tieghu gew kolpiti b'irregolarita' illi timmina l-istess proceduri. Fil-31 ta' Dicembru 2011, l-Avukat Generali pprezenta rikors a fol. 51 illi fih iddikjara illi fid-29 ta' Novembru 2011 gew lilu mibghutin mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja l-atti tal-kumpilazzjoni kontra l-esponent u talab bis-sahha ta' l-artikolu 432 tal-Kap 9 illi dika l-Onorabbli Qorti joghgobha ttawwallu z-zmien ghal-hmistax il-jum iehor.**

**Illi minkejja illi skond l-imsemmi artiklu 432(1) tal-Kap 9, l-Avukat Generali kellu xahar biex jaghmel tali talba, u dan it-terminu ma giex osservat, it-talba tal-Avukat-Generali giet milqugha. Madankollu, l-Avukat-Generali naqas illi johrog l-att tal-akkuza fil-hmistax-il jum ulterjuri illi gie lilu koncess. Fil-fatt l-att tal-akkuza giet ipprezentata hafna aktar tard fl-14 t'April 2014 a fol 271 u ma hemm l-**

**ebda evidenza fil-process illi l-President ta' Malta f'xi hin awtorizza tali dewmien sabiex tigi pprezentata l-att tal-akkuza. Ghaldaqstant, galadarba l-prosekuzzjoni ma mxietx bl-aktar mod palezi mad-dettami u termini tal-ligi sabiex tinhareg l-att ta' akkuza fil-konfront tal-esponenti, huwa nkoncepibbli illi l-esponenti jinstab hati ta' xi akkuza a bazi ta' att ta' akkuza illi huwa milqut b'irregolarita daqshekk palezi.**

4. Dawn iz-zewg paragrafi fin-nota ta' sottomissjonijiet maghmula quddiem l-ewwel Qorti, jirreferu ghall-allegat nuqqas procedurali wiehed u mhux "diversi punti ta' relevanza" kif mlissen fir-rikors tal-appell. Aktar minn hekk, il-paragrafi 14 u 15 tal-istess rikors huma riproduzzjoni ta' dawn iz-zewg paragrafi appena riprodotti u minkejja li jibdew bil-kliem "Illi inoltre" ma hemm xejn gdid *qua* lanjanzi proprju ghaliex huma riproduzzjoni "*cut and paste*" minn nota ta' sottomissjonijiet. Il-paragrafu 16 imbaghad huwa r-ragunament tal-appellant dwar din il-kwistjoni u dan qed ikun hawn riprodott ukoll. Qabel dan, izda, il-Qorti jidhrilha li ghal darb'ohra ghandha ticcensura lill-Avukat difensur tal-appellant fir-redazzjoni ta' dan l-appell b'hafna *cut and paste* u uzu ta' kliem bhal "inoltre" li jgib mieghu l-obbligu ta' ezami tal-atti sabiex ikun accertat liema huma l-ilmenti tieghu meta fil-verita' l-ilment huwa wiehed. Ventilat dan, is-segwenti huwa l-ilment tal-imputat:

**"Illi l-ewwel Onorabbli Qorti dehrilha illi ghandha tilqa' s-sottomissjoni tal-prosekuzzjoni illi l-artiklu 432 (1) tal-Kap 9 ghandu jinqara flimkien ma' l-artiklu 405(2) tal-Kap 9 imma bir-rispett kollu dovut lill-ewwel Onorabbli Qorti, tali artiklu ma jfissirx illi t-termini stabiliti daqshekk ferreament** [*sic.*] **fl-artiklu 432 jistghu jigu mwarrbin u njorati. L-ewwel Onorabbli Qorti naqset illi tirreferi ghall-**

**artiklu 402 tal-Kap 9 illi jelenka b'mod ezawrjenti l-istanzi kollha fejn it-termini stabiliti sabiex jinhareg att ta' akkuza jigu mwaqqfa. Il-fatt jibqa' illi l-akkuzat gie mressaq fl-2012 u l-att tal-akkuza hareg biss fl-14 t'April 2014 a fol. 271 u illi l-Avukat Generali ma gab l-ebda proroga mill-President tar-Repubblika ghall-estensjoni tat-terminu sabiex jinhareg att tal-akkuza kif jiddisponi tassattivament l-artiklu 432(1) tal-Kap 9. Illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx tinjora, qisu qatt ma kien xejn, provvediment hekk car tal-ligi u konsegwentement, jirrizulta illi l-att ta' akkuza mahrug fil-konfront tal-akkuzat huwa monk u difettuz stante illi kolpit minn irregolarita' gravi peress illi ma gewx segwiti t-termini stabilit mil-ligi. Illi l-Avukat Generali kellu l-fakulta' illi jirrimedja din l-irregolarita' billi jadopera l-procedura uzata fl-artiklu 432(2) tal-Kap 9 imma naqas illi jaghmel hekk. Ghaldaqstant, il-proceduri odjerni huma kolpiti minn irregolarita' insanabbli illi ma tistax tigi kolmata u kwalunkwe sejbien ta' htija tal-akkuzat hija a bazi ta' proceduri li qatt ma setghu jigu prosegwiti ghaliex l-att tal-akkuza nhareg ferm wara t-terminu preskritt mil-ligi".**

5. Din il-Qorti ezaminat ukoll it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet orali li saru quddiem l-ewwel Qorti dwar dan il-punt u li tinsab a fol 319 *et seq.* tal-atti processwali. Ezaminat ukoll is-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ddikjarat illi rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni, dik tad-difiza, dik ulterjuri tal-prosekuzzjoni u li semghet is-sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm tal-prosekuzzjoni u tad-difiza. Raggunt dak l-istadju, allura ma jirrizultax illi l-ewwel Qorti "skartat" il-kwistjoni mressqa quddiemha. Dan ma kienx semplici formalita' da parti tal-ewwel Qorti fid-dikjarazzjoni introduttorja tas-sentenza ghaliex fil-kors tas-sentenza taghha ghamlet

kunsiderazzjonijiet u ghaddiet biex tiddeciedi dan il-punt. Din il-parti tas-sentenza ser tkun riprodotta fl-intier taghha ghaliex il-kritika tal-imputat hija wahda ngusta fil-konfront tal-ewwel Qorti. Dan naturalment ma ghandu jirrifletti bl-ebda mod fuq id-decizzjoni ta' din il-Qorti dwar din il-lanjanza izda l-Qorti thoss illi hija fid-dover tistrada lid-difensur tal-imputat ghal-aktar korrettezza fi kliemu meta jghid li l-ewwel Qorti "skartat minghajr vera gustifikazzjoni l-pregudizzju procedurali" minnu sollevat:

> **"Illi qabel din il-Qorti tghaddi sabiex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputatazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat, ikun opportun li, l-ewwel u qabel kollox, il-Qorti tindirizza dak sollevat mid-difiza fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha fejn qalet hekk (*a fol.* 304):**
>
> > **Illi *inoltre*, l-esponenti jixtieq jirrileva illi l-proceduri li saru fil-konfront tieghu gew kolpiti b'irregolarita' illi timmina l-istess proceduri. Fil-31 ta' Dicembru 2011, l-Avukat Generali pprezenta rikors *a fol.* 51 illi fih iddikjara illi fid-29 ta' Novembru 2011 gew lilu mibghutin mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja l-atti tal-kumpilazzjoni kontra l-esponent u talab bis-sahha ta' l-artikolu 432 tal-Kap 9 illi dika l-Onorabbli Qorti joghgobha ttawwallu z-zmien ghal-hmistax il-jum iehor.**
> >
> > **Illi minkejja illi skond l-imsemmi artiklu 432(1) tal-Kap 9, l-Avukat Generali kellu xahar biex jaghmel tali talba, u dan it-terminu ma giex osservat, it-talba tal-Avukat-Generali giet milqugha. Madankollu, l-Avukat-Generali naqas illi johrog l-att tal-akkuza fil-hmistax-il jum**

**ulterjuri illi gie lilu koncess. Fil-fatt l-att tal-akkuza giet ipprezentata hafna aktar tard fl-14 t'April 2014 *a fol* 271 u ma hemm l-ebda evidenza fil-process illi l-Presidnet ta' Malta f'xi hin awtorizza tali dewmien sabiex tigi pprezentata l-att tal-akkuza. Ghaldaqstant, galadarba l-prosekuzzjoni ma mxietx bl-aktar mod palezi mad-dettami u termini tal-ligi sabiex tinhareg l-att ta' akkuza fil-konfront tal-esponenti, huws nkoncepibbli illi l-esponenti jinstab hati ta' xi akkuza a bazi ta' att ta' akkuza illi huwa milqut b'irregolarita daqshekk palezi".**

**Illi l-Qorti tibda billi tinnota li d-data ndikata fir-Rikors tal-Avukat Generali (*a fol.* 51a), cioe' dik tad-29 ta' Novembru 2011, hija semplici *lapsus calami* u dana *stante* li, minghajr ombra ta' dubju, din kellha tigi ndikata bhala 29 ta' Novembru 2012 minhabba li f'Novembru 2011 il-proceduri fil-konfront tal-imputat anqas kienu ghadhom gew intavolati u minhabba l-fatt li t-timbru tar-Registru tal-Qorti fuq ir-rikors jindika l-annu 2012. Apparti minn dan, fir-rigward ta' dak sollevat mid-difiza u li saret riferenza ghaliha hawn fuq, il-Prosekuzzjoni ghandha ragun meta fin-Nota taghha *a fol.* 306 *et seq.* issollevat li l-Artikolu 432(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jinqara flimkien ma' Artikolu 405 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn fis-sub-artikoli (1) jghid hekk:**

**"Il-Qorti, wara li tibghat l-atti biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza u qabel ma jigi ipprezentat l-att tal-akkuza, b'talba bil-miktub tal-Avukat Generali, ghandha taghmel mistoqsijiet ohra lix-xhieda li jkunu ga nstemghu jew tisma' xhieda godda".**

**Isegwi li Artikolu 405(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jgjhid hekk:**

> **"L-Avukat Generali ghandu, ghal dan l-iskop, jibghat lill-Qorti l-atti tal-kumpilazzjoni flimkien mat-talba tieghu bil-miktub, u fiha ghandu jfisser fuqhiex ghandu jsir l-ezami jew l-ezami mill-gdid tax-xhieda".**

**Illi ghaldaqstant bl-ebda mod ma jirrizulta li l-proceduri odjerni gew kolpiti b'irregolarita' kif issostni d-difiza u ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat wahda wahda."**

6. Kwantu din l-allegata skorrettezza procedurali, a fol 51a tal-atti processwali hemm inserit rikors tal-Avukat Generali intavolat quddiem il-Qorti Kriminali b'rikjesta sabiex il-Qorti ttawwal z-zmien ghal-hrug tal-Att ta' Akkuza. Dan ir-rikors kien intavolat fil-31 ta' Dicembru, 2012 u kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, id-data indikata mill-Avukat Generali bhala li fiha rcieva l-atti ta-kumpilazzjoni, dik tad-29 ta' Novembru, 2011 hija *lapsus calami* ghaliex kellha tkun 29 ta' Novembru, 2012 u dan ma johloq ebda pregudizzju kontra l-imputat;

7. L-atti processwali ma jakkludux id-digriet tal-Qorti Kriminali u stante li dan jista' potenzjalment ikun pregudizzjali ghall-imputat, il-Qorti ghamlet tfittxija fir-registru tal-Qorti Kriminali u jirrizulta illi t-talba tal-Avukat Generali kienet milqugha b'digriet taht il-firma ta' Imhallef fl-4 ta' Jannar 2013. B'hekk accertat ruhha illi dak ir-rikors kien debitament degretat u anke jekk huwa pjuttost insolitu li l-Qorti taghmel din ir-ricerka hi stess, thoss li dan kellu jsir ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja ghaliex anke jekk mhux sollevat minn ebda wahda mill-

partijiet, l-ezistenza o meno ta' digriet fuq talba konsimili hija kwistjoni ta' ordni pubbliku;

8. Hekk stabilit, jinghad minnufih illi d-decizzjoni tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward hija wahda inecepibbli. L-imputat jinsisti fuq il-procedura dwar l-Att ta' Akkuza meta din ma ghandha ebda relevanza fil-kwistjoni odjerna. Huwa inutili ghalih li jghid li l-Att ta' Akkuza harget sentejn wara li tressaq il-Qorti. Fil-procedura odjerna l-Avukat Generali ghazel illi ma jikkommettix lill-imputat quddiem il-guri permezz ta' Att ta' Akkuza mahrug f'isem Ir-Repubblika ta' Malta u ghaldaqstant ma jistghax jitqies bhala akkuzat izda bhala imputat b'rinviju ghall-gudizzju bl-artikoli. Haga, izda li l-imputat ma jiddistingwix;

9. Wara d-digriet tal-Qorti Kriminali, l-Avukat Generali kien puntwali, ossia fil-hin, meta fit-termini tal-artikolu 405, talab lill-ewwel Qorti, dakinhar fil-kompetenza istruttorja taghha, sabiex tisma x-xhieda indikati fir-rinviju taghha. Minn hemm 'l quddiem saru diversi rinviji ohra u jidher li dawn dejjem saru fil-hin b'mod li allura ma kienx hemm il-htiega ta' talba ohra ghal estensjoni ta' zmien fit-termini tal-aritkolu 432 tal-Kapitolu 9 sakemm fl-ahhar, l-Avukat Generali ghazel illi minflok johrog Att ta' Akkuza baghat lill-imputat sabiex ikun gudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghal—liema ordni, l-imputat ma rregistra ebda oggezzjoni;

10. Il-Qorti ma thossx li ghandha tinoltra fi spjegazzjoni ulterjuri dwar il-procedura fl-istruttorja u t-transizzjoni bejn din il-procedura u dik ta' gudizzju quddiem il-Qorti tal-Magistrati b'rinviju ghall-gudizzju bhal dak odjern jew il-Qorti Kriminali b'Att ta' Akkuza li biha l-Avukat Genrali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jakkuza lill-akkuzat bir-reati li jidhirlu opportuni. L-unika

istanza fejn ir-rinviju ghall-gudizzju bl-artikoli jitqies bhala Att ta' Akkuza huwa biss fejn il-Qorti tista' ssib htija f'reat kompriz u involut jew f'reat minuri izda anke hawn il-Qorti ma tarax li huwa l-kaz li tenoltra aktar minn hekk. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud stante li ma hemm xejn li jirrendi l-proceduri monki kif allegat mill-imputat;

11. Illi fil-mertu, il-fatti ta' dan il-kaz huma dwar allegat falsifikazzjoni ta' tlieta minn erba' *cheques* bankarji moghtija lill-imputat f'ammont specifikat izda tlieta minnhom msarrfa ghall-ammonti konsiderevolment akbar b'mod illi meta sid il-kont bankarju mar jigbed xi flus mill-bank kien infurmat li ma kellux flus bizzejjed f'dak il-kont. Il-provenjenza tac-*cheques* kienet wahda lecita, fis-sens illi dawn ma kienux misruqa, izda inghataw mill-parte civile lill-imputat u allegatament lill-martu bhala korrispettiv ghal bejgh ta' zewg vetturi;

12. Il-parte civile xehed illi hu ma jafx jaqra u jikteb izda jaf jiffirma u jikteb in-numri. L-imputat kien gia bieghlu vettura u hallsu taghha izda wara offrielu zewg vetturi ohra u din id-darba l-imputat prezenta ruhu flimkien ma' mara li qal li hi martu u t-tifel minuri u talbu li ghall-kull vettura johroglu zewg *cheques*, wiehed fuq ismu u wiehed fuq martu u l-parte civile ma sab l-ebda diffikulta' jaghmel dan u ghalhekk hareg zewg *cheques* ta' €600 ghall-ewwel vettura u zewg *cheques* ta' €125 ghat-tieni wahda u fil-kaz tal-erba' *cheques* dawn imtlew biss kwantu il-figuri u l-firma. Huwa rreplika l-ammonti fuq il-mammi rispettivi;

13. Gara, izda, illi wara indagini li saret sia mill-bank kif ukoll mill-Pulizija, rrizulta li tnejn mic-*cheques* issarrfu ghall-valur ta'

€16,000 u iehor ghal €12,500. L-iehor qatt ma ssarraf ghaliex l-parte civile talbet *stop payment* fuq ir-rimarrenti *cheque* naturalment wara li ndunat b'din il-vicenda. L-espert kaligrafu nominat mill-ewwel Qorti, wara li ha kampjuni tal-kaligrafiji tal-parte civile, tal-imputat u ta' Doreen Spiteri, kkonkluda li c-*cheques* kienu inkitbu minn Doreen Spiteri fl-intier taghhom, inkluz il-figuri fl-ammonti ta' euro ghajr ghal-firma li hija tal-parte civile. L-istess espert ikkonkluda ukoll illi l-imputat ma kiteb xejn fuq dawn ic-*cheques* ghajr in-numru tal-karta tal-identita' tieghu fuq wara. Irrizulta ukoll illi l-imputat kien thallas €32,000 ta' vettura li kellha valur ta' €1,200 u €12,500 ghal vettura ta' valur ta' €250. Dawn kienu il-valuri rejali u attwali taz-zewg vetturi kif pruvat mill-prosekuzzjoni anke per via ta' rapprazentanti tal-assikurazzjoni skond ir-registri taghhom;

14. Fl-ewwel gravam tieghu l-imputat bhala appellant iressaq l-argument illi la darba ma jirrizultawx kontra tieghu l-elementi tal-falsifikazzjoni kif ravvizati fl-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali u kif deciz mill-ewwel Qorti, ma jista' qatt jirrizulta dak kontenut fl-artikolu 184. L-artikolu **183** tal-Kodici Kriminali jipotizza r-reat tal-falsifikazzjoni, igifieri, u li kellha din il-Qorti tazzarda taghti definizzjoni b'mod simplistiku, l-azzjoni li biha persuna tohloq dokument fazull jew tibdel dokument awtentiku in parti jew fl-intier tieghu. Dan l-artikolu jirreferi <u>biss</u> ghall "att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat". Il-gurisprudenza tghallem illi f'dan il-kaz, a differenza ta' falsifikazzjoni fi skrittura privata, ma hemmx il-htiega tal-prova ta' lukru da parti tal-malvivent, izda il-Qorti ma tarax li hemm il-htiega li dan l-element ikun hawn indagat ulterjorment. L-artikolu **184** imbaghad jipotizza bhala reat l-uzu xjenti ta' atti, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikolu 183. Bhala punt

ta' interess il-falsifikazzjoni u uzu ta' skritturi privati imbaghad huma ravvizati f'artikolu separat numru 187;

15. L-artikoli 183 u 184 huma separati u indipendenti minn xulxin b'mod allura li sabiex tinsab htija dwar uzu ta' dokument falsifikat mhux mehtieg *sine qua non* li dik il-persuna li tkun hekk uzat id-dokument tkun l-istess wahda li ghamlet il-falsifikazzjoni. U bil-kelma "ghamlet" ma jfissirx li tkun ghamlet hekk anke *di pugno proprio.* Dak li hu partikolarment notevoli fl-artikolu 184 hu li l-uzu irid ikun wiehed xjenti, igifieri li tkun taf li dak id-dokument huwa wiehed falsifikat;

16. Il-Qorti ghalhekk ma taqbel xejn mal-proposta tal-imputat appellant li ghaliex ma nstabx hati ta' falsifikazzjoni allura ma jistax jinstab hati tal-uzu tad-dokument falsifikat. Il-ligi tipprospetta htija f'dan ir-reat fil-persuna sia bhala awtur kif ukoll bhala komplici. Huwa minnu li l-ewwel Qorti lliberat lill-imputat sia bhala awtur kif ukoll bhala komplici fir-reat ta' falsifikazzjoni u l-Avukat Generali appella minn din il-liberatorja ukoll. L-imputat izda iressaq l-argument u jikkoncedi illi c-*cheques* imliethom Doreen Spiteri kif stabilit mill-espert kaligrafu u jikkontendi illi *cheques* vojta ma jammontawx ghall-dokument awtentiku u ta' valur u konsegwentement ma huwiex protett. Ghal dan il-ghan jehtieg li qabel xejn ikun deciz jekk verament kienx hemm falsifikazzjoni u stante li dan huwa wiehed mill-aggravji sollevat mill-Avukat Generali, fil-fatt t-tieni miz-zewg aggravji tieghu, il-Qorti sejra titratta dawn iz-zewg aggravji flimkien;

17. Ghall-ahjar intendiment, il-Qorti ser tissindika biss jekk c-*cheques* setghux ikunu meqjusa falsifikati f'ghajnejn il-ligi jew le ghaliex kif gia spjegat *supra* l-fatt jekk kienx l-imputat li ffalsifikahom jew le, fil-kaz jirrizultaw foloz ma hu ta' ebda

ostakolu sabiex ikun mixli  kwantu l-uzu taghhom purche' kien xjenti ta' hekk;

18. Dak li ghalhekk jehtieg li jkun mistharreg hu jekk *cheque* mhux mimli ghajr il-firma fuqu, jikwalifikax bhala falsifikazzjoni jekk jimtela mid-debitur b'mod diversi minn kif miftiehem u naturalment jekk l-ewwel Qorti kienitx legalment korretta fil-liberazzjoni tal-imputat in rigward ( li huwa l-mertu tat-tieni aggravju tal-Avukat Generali) u preventivament jerga' jinghad ghac-certezza illi dan l-istharrig qed isir 'l hinn minn jekk l-imputat setghax jinstab hati bhala awtur jew komplici.  Dak l-ezami jsir wara skond kif jirrizulta u dan ghaliex huwa akkolt mill-Avukat Generali b'accettazzjoni allura tas-sentenza appellata fuq dan il-punt, illi il-kitba kollha fuq ic-*cheques* saret minn idejn Doreen Spiteri b'eskluzzjoni allura tal-imputat;

19. Jibda biex jinghad illi l-allegata falsifikazzjoni saret fuq *cheques.* Dwar dan ma hemm l-ebda dubju.  Bhala tali, allura, jikwalifika bhala "skrittura kummercjali jew ta' bank privat" fit-termini tal-artikolu 183 tal-Kap 9.  Il-parte civile xehed illi huwa kkonsenja c-*cheques* lill-imputat mimlijin kwantu il-figuri rapprezentanti l-valur u halla l-kliem rapprezentanti l-valur barra ghaliex ma jafx jikteb.  <u>Din id-dikjarazzjoni ma ghandhiex mis-sewwa ghaliex jemergi bhala fatt inkonfutabbli li l-parte civile iffirma biss fuq dawn ic-cheques u ma kiteb xejn aktar u l-Qorti ma tistax' tifhem kif l-ewwel Qorti ma ordnatx li l-parte civile jkun investigat dwar dan</u>;

20. Issa, l-imputat  qieghed jistrieh fuq it-tezi li c-*cheques* inghataw lilu vojta peress illi l-parte civile ma jafx jaqra u jikteb u konsegwentement ma tista' ssir ebda falsifikazzjoni ta' *cheque* vojt.  Ir-ragunament tal-appellant huwa possibilment radikat mill-fehma tieghu li ma kien hemm ebda falsifikazzjoni ta' dokument ghaliex ir-reat ta' falsifikazzjoni jirrikjedi alterazzjoni

f'dokument. Il-kwistjoni kollha ghalhekk tippernja fuq l-accetazzjoni tal-proposizzjoni tal-falz ideologiku li huwa palezament akkolt fil-gurisprudenza taghna.

21. Il-Professur Anthony J Mamo ((Notes on Criminal Law – Revised Edition 1954-1955 a fol 153 *et seq*) fid-diskussjoni tieghu dwar il-falsifikazzjoni u senjatament meta jintroduci l-materja jitkellem inizzjalment dwar il-*quid juris* fil-*common law* Ingliza igifieri l-Forgery Act tal-1913 u jispjega illi *"Forgery, for the purpose of the Act, is defined as the making of a false document in order that it may be used as genuine....A document is false within the meaning of the Act if the whole or any material part of it purports to be made by or on behalf or on account of a person who did not make it nor autorise its making ...*". Jghallem il-Mamo, izda, illi hlief ghal dak li jirrigwarda l-falsifikazzjoni ta' dokumenti pubblici u privati, l-Kodici Kriminali, bhal ligijiet li minn fuqhom kienu abbozzati l-artikoli tal-falsifikazzjoni, ma jipprovdux tifsira tal-istess. Huwa jiccita lill-Roberti u lill-Pessina li huma tal-fehma illi falsifikazzjoni tista' ssir b'zewg mezzi: jew billi jinholoq dokument ex integro jew parti minnu jew billi ssir alterazzjoni ta' dokument genwin. Itenni ukoll illi ma jistghax jonqos l-element formali tar-reat skond il-principju emergenti mid-dritt Ruman: "*non sine dolo male falsem".* Kwantu wiehed mill-elementi kostituttivi tal-aspett materjali tar-reat, il-Professur Mamo (*op. Cit* a fol 161) jiccita l-awtur Kenny li jsostni li "*an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is not... Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself"*;

22. F'edizzjoni sussegwenti, (Kenny's Outlines of Criminal Law – 19 Ed 1966 edited by J.W. Cecil Turner – Cambridge University

Press) taht is-subtitolu THE FALSITY IS OF PURPORT, NOT OF CONTENTS, l-awtur jirritjeni hekk:

> "A writing is not a forgery when it merely *contains* statements which are false, but only when it falsely purports to *be* itself that which it is not. Thus in *Re Windsor* it was declared: "Forgery is the false making of an instrument purporting to be that which it is not, it is not the making of an instrument which purports to be what it really is, but which contains false statements. Telling a lie does not become a forgery because it is reduced into writing". The simplest and the most effective phrase by which to express this rule is to state that for the purposes of the law of forgery the writing *must tell a lie about itself*";

23. Fil-kaz odjern, c-*cheques* inghataw lill-imputat vojta, izda iffirmati, biex jimtlew minnu. Ghal precizjoni, tnejn inghataw lilu u tnejn lill-Doreen Spiteri. Dawn izda imtlew kollha favur l-imputat b'ammonti li ma kienx dak miftiehem rapprezentanti hlas taz-zewg vetturi in kwistjoni. Id-dokument kien wiehed materjalment genwin ghaliex huwa *cheque* stampat mill-bank u ffirmat mit-titolari tal-kont bankarju. Ghalhekk dan huwa kaz ta' falz ideologiku kif distint mill-falz materjali li b'mod simplistiku huwa ta' spiss spjegat bhala holqien ta' dokument veru li, izda, jkun fih dikjarazzjoni inveritiera. Kif jinsenja l-gurista Francesco Antolisei (Manuale di Diritto Penali – Parte Speciale II, Giuffre' 1986: - "*Allo scopo di precisare la distinzione, il Manzini (Conformemente, del resto, alla migliore dottrina straniera), si e richiamato ai due diversi significati che, come abbiamo posto in rilieva, assume in genere il-termine 'falso', e precisamente alla differenza tra 'non-genunita`' e 'non-verdicita`'. Secondo l-insigne autore, il-falso materiale si ha quando il-*

*documento non e' genuine; il-falso ideologico allorche` l-documento e' bensi genuino, ma non e' veridicio, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero";*

24. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Galea** tas-17 t'Ottubru 1997, kien ritenut illi: "*Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali id-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku id-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut ideali tieghu (ara. Antolisei, F., Manuale di dirittto Penali – Parte Speciale II (Giuffre', Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (Trattato, v.VI, n,2296, p. 829) ikun hemm falsita' materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjoni wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico, perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero*";

25. Illi ghalhekk kien hemm dik il-falsifikazzjoni ravvizata fl-artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta. Konsegwentement jehtieg issa li jkun mistharreg jekk l-imputat kellux jinstab hati bhala komplici fil-falsifikazzjoni kif jillanja l-Avukat Generali fit-tieni gravam tieghu hawn skrutinat. L-Avukat Generali ghandu ragun f'dan l-argument meta jindika l-artikolu 467(2) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li l-guri jista' jsib lill-akkuzat hati bhala komplici jekk hekk jirrizulta u meta ma jsibx htija tieghu bhala awtur jew ko-awtur fir-reat. Dan l-artikolu huwa applikabbli ghall kawzi quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Camilleri et** tat-23 ta' Novembru, 2001. L-argument tal-imputat li ghaliex ma hemmx persuna ohra mixlija

b'dan ir-reat allura ma jistax jinsab hati bhala komplici huwa wiehed zbaljat;

26. Illi ghalhekk l-Avukat Generlai ghandu ragun fit-tieni aggravju tieghu u l-imputat ser ikun misjub hati bhala komplici fir-reat ta' falsifikazzjoni fit-termini tal-artikoli 41 u 183 tal-Kodici Kriminali;

27. Hekk stabilit, nduru issa fuq il-lanjanza tal-imputat li testendi fuq it-tielet imputazzjoni bl-aggravju li ma setghax jinstab hati tar-reat ravvizat fl-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali li jipotizza l-uzu ta' dokument falz. L-ilment tieghu qed ikun riprodott u jghid hekk:

> *Illi bid-dovut rispett is-sentenza tal-Qorti twila 22 faccata titratta mat-tielet imputazzjoni f'pagna wahda biss ossia pagna numru 18 fejn ma hemmx apprezzament xieraq tal-ligi u ta' l-elementi ta' l-artikli involuti liema jitrattaw reat li jwassal ghall-piena sa 4 snin f'kaz ta' htija. Ma hemm imkien f'dan l-apprezzament jekk fil-verita' dawn id-dokumenti gewx ffalsifikati anzi gie enfasizzat mill-ewwel Onorabbli Qorti li dawn gew moghtija lill-akkuzat vojta mhux mimlija u gew allegatament mimlija sussegwentement minn Doreen Spiteri. Minn kliemha stess u mill-konkluzzjonijiet li tasal ghalihom, l-ewwel Onorabbli Qorti messha ndunat li ma kienx jezisti dokument awtentiku u ta' valur, kif trid il-ligi, meta dan halla id-Victor Muscat u messha ndunat ukoll li minn ikkompleta c-cheques fl-ebda hin ma kellu jew ahjar qatt ma seta' jaghmel falsifikazzjoni peress li dawn kienu vojta*;

28. Dak li l-ewwel Qorti kellha taghmel u tezamina kien li *in primis* tindaga jekk ic-*cheques* kienux falsifikati jew le, kien min kien l-awtur jew il-komplici u minn hemm tghaddi biex tindaga

jekk l-imputat kienx jaf li dawk ic-*cheques* kienux falsifikati qabel ma ghamel uzu minnhom. L-ewwel Qorti ghamlet dan l-ezami u rrizulta li kien hemm dik il-falsifikazzjoni ravvizata fil-ligi. Bhala konsegwenza sabet lill-imputat hati tal-uzu ta' dawk id-dokumenti falsifikati fit-termini tal-artikolu 184 tal-Kap 9;

29. Anke hawn, id-decizzjoni tal-ewwel Qorti hija wahda inecepibbli. Mill-atti processwali jemergi illi l-imputat u Doreen Spiteri kienu t-tnejn prezenti meta sar in-negozju dwar iz-zewg vetturi u meta kien maqbul li jinhargu zewg *cheques* ugwali ghal kull vettura fuq il-valuri miftiehma. Jinghad illi Doreen Spiteri kitbet ukoll il-mamma ta' kull cheque ossia ic-*cheque book stubs* u din il-Qorti ser tieqaf hawn dwar dan il-punt anke jekk, kif ser jirrizulta aktar tard fil-konsiderazzjonijiet, l-istess Spiteri tressqet u kien kundannata fuq hekk u dan min prova mressqa dwar il-piena. Il-konvinciment tal-Qorti hu msahhah ukoll mill-fatt illi l-imputat kien sarraf it-tlett *cheques* personalment u fl-ebda okkazzjoni ma waqqaf lill-kaxxier milli jikkonsenjalu dawk l-ammonti fenominali meta kull ma kellu jiehu kien 600.00 euro ghal darbtejn u mija 125.00 euro u mhux 16,000 euro ghall darbtejn u 12,500 euro ghal darba

30. Dawn ic-cirkostanzi kollha jirradikaw f'din il-Qorti il-konvinciment ta' xjenza kif rikjest mill-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment ssib htija fl-imputat ghal dan ir-reat. L-aggravju tal-imputat ghalhekk qed ikun michud;

31. Issa, qabel ma l-Qorti tghaddi biex tezamina it-tielet u l-ahhar aggravju tal-imputat rigwardanti l-piena, jokkorri li qabel dan ikun deciz l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali li jilmenta dwar il-liberazzjoni tieghu fl-ewwel imputazzjoni;

32. Dwar l-ewwel imputazzjoni, l-Qorti taghmel referenza ghar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-14 t'April, 2014 li fih jitlob, *inter alia,* li tinsab htija fl-imputat ghal-dak ravvizat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Din l-osservazzjoni qed issir ghaliex l-imputazzjoni numru wiehed fit-tahrika tal-Pulizija ghandha mill-elementi tat-tentattiv u peress illi huwa ben stabilit fil-gurisprudenza illi huwa r-rinviju ghall-gudizzju li ghalih ghandu jwiegeb l-imputat (basta li jkunu nstemghu il-provi in rigward u ma jkunx reat li ma jkollu ebda konnessjoni mal-proceduri fl-istruttorja) din il-Qorti, bhal dik tal-ewwel Grad qabilha, ser timxi fuq dan l-artikolu u mhux it-tentattiv tieghu, la darba ma indikax l-artikolu 41 meta indika dak numru 308 tal-Kodici Kriminali, jekk it-tentattiv ta' dan ir-reat huwiex wiehed fattibbli o meno;

33. L-Avukat Generali hu tal-fehma illi jezistu l-elementi kollha tar-reat kif ipotizzat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali meta l-imputat, ben konxju tal-fatt illi l-parte civile ma jafx jaqra u jikteb peress illi kien gia ghamel negozju mieghu fuq vettura ohra, holoq dawk ir-raggiri biex iffroda lill-parte civile. L-Avukat Generali jinsisti illi, kontra dak li rriteniet l-ewwel Qorti, l-imputat kellu jinstab hati fl-artikolu 308 stante li kien hemm dawk ir-raggiri msemmija fil-ligi jew alternattivament fl-artikolu 309 konsegwenza tal-gidba. L-ewwel Qorti ghamlet analizi tajba hafna tal-elementi ta' dan ir-reat msahha bil-gurisprudenza in materja u ma hemmx htiega li terga' tghid prattikament l-istess haga hlief ghal fejn si tratta tal-element ta' raggiri jew il-gidba li jiddistingwu ruhhom fl-artikoli 308 u 309;

34. Fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jonathan Zammit** 400/2015 deciza fis-27 ta' Marzu, 2017 kien ritenut illi

L-fatti kif rakkontati minn sid il-ħanut huma sintomatici tar-reat ta' frodi innominata kif eccezzjonalment mfissra fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Francis Willoughby** tat-12 ta' Frar, 1999 u wisq drabi citata b'approvazzjoni minn dawn il-Qrati fosthom **Il-Pulizija vs Carmela German 30.12.2004** u **Il-Pulizija vs Anthony Bezzina 24.11.2010**:

**"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (*Il-Pulizija vs Emmanuele Ellul*, App Krim., 20/6/97; ara wkoll *Il-Pulizijz vs Danel Frendo*, App Krim., 25/3/94*).* Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (*Il-Pulizija vs Carmel Cassar Parnis,* App Krim., 12/12/59, Vol XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'"raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll *mise en scene* - ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, *Il-Pulizija vs Carmelo Cassar Parnis,* App. Krim., 31/10/59, Vol XLIII.iv.1137; *IL-Pulizija vs Francesca Caruana* , App Krim., 25/7/53, Vol XXXVII.iv.1127; ara wkoll *Il-Pulizija vs Giuseppe Schrainer,* App Krim., 3/3/56".**

35. Fis-sentenza li ccitat il-bran appena riprodott, **Il-Pulizija vs Carmela German** (30.12.2004), il-Qorti rriteniet ukoll is-segwenti illi:

> **"Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe' jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, <u>basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal-"qerq", cioe' tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba</u>, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment minn naha l-ohra".**

36. Ezaminati l-fatti minn din l-ottika, din il-Qorti ttendi tikkondividi l-hsieb tal-ewwel Qorti li ma jirraffigurawx l-elementi tar-reat ipotizzat fl-artikolu 308 u zzid li wisq anqas tal-artikolu 309 bhala reat minuri konsistenti fil-gidba ghal skop ta' lukru. Ir-raguni ghal dan hi li ghalkemm huwa minnu illi l-imputat jidher li kellu pjan premeditat sabiex jakkwista minghand il-parte civile ic-*cheques* vojta ben konxju tal-fatt illi l-parte civile ma kienx jaf jaqra u jikteb, fatt li sar jaf fl-ewwel transazzjoni bejnithom, huwa ghaddielu zewg vetturi li verament kienu ta' proprjeta' tieghu u ghaddihomlu ghall-valur patwit. Il-prosekuzzjoni ressqet provi biex turi li z-zewg vetturi fil-fatt kienu ta' dak il-valur. Inoltre, l-parte civile seta' liberament biegh dawk il-vetturi lil terzi. Sa dak il-punt, allura ma hemm l-ebda raggini jew gidba;

37. Il-parte civile kien liberu li jaccetta jew jirrifjuta li jakkwista iz-zewg vetturi ghall-dak il-prezz u n-negozju sa dak il-punt kien wiehed lecitu u veritier. L-imputat ma uza ebda raggiri jew gideb biex jikkonvinci lill-parte civile thalli mill-pussess taghha ic-*cheques* vojta. Dik kienet ghazla u decizzjoni tal-parte civile tal-

mod kif jikkonduci n-negozju tieghu bil-konsegwenzi kollha li jista' jgib mieghu dan l-agir. Almenu hekk jidher mill-provi akkolti. Il-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti ghalhekk hija wahda ragjonevoli u zzid maghha li lanqas tista' tinsab htija fl-artikolu 309 fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

38. L-ahhar kunsiderazzjoni f'dan l-appell hi diretta lejn l-aggravju tal-imputat kwantu l-piena erogata mill-ewwel Qorti meta jtenni li din hija wahda "eccessiva tenut kont in-natura u c-cirkostanzi tal-kaz u li kien hemm diversi pieni u sanzjonijiet ohra li setghu jigu applikati f'dan il-kaz".

39. L-imputat jilmenta mill-fatt illi l-ewwel Qorti dahhlet fis-sehh is-sentenza ta' prigunerija sospiza moghtija fil-konfront tieghu u jghid testwalment: "**Illi l-Qorti trattat ma' sentenza sospiza li kellu l-akkuzat ai termini tas-sentenza tal-5 ta' Mejju 2010 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif estiza minn sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali tal-5 ta' April 2011. Illi minkejja dan, din is-sentenza sospiza giet trattata qabel permezz ta' sentenza fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu 2015, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Josef Grech**";

40. L-imputat donnu qed jallega illi s-sentenza sospiza ai termini tal-artikolu 28A tal- 5 ta' Mejju 2010 gia ddahhlet fis-sehh mill-istess Qorti diversament presjeduta permezz ta' sentenza ohra tas-26 ta' Marzu, 2015. Issa, minkejja li din qatt ma kienet sollevata quddiem l-ewwel Qorti, l-imputat ma indikax li s-sentenza l-ahhar citata ghadha ma ghaddietx in gudikat u dan ghaliex din tinsab pendenti quddiem din il-Qorti diversament

preseduta fl-appell numru 159/2015. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' dan l-argument;

41. L-imputat jargumenta ukoll illi kellu jinghata piena anqas severa anke ghaliex wara diversi "dizavventuri gudizzjarji" qed jipprova jibni hajtu mill-gdid, sar imprenditur zghir u qed jghajjex familja zaghzugha. Din il-Qorti, izda, trid izzomm fil-mira l-fatt illi flimkien mar-rejati li dwarhom instab hati huwa ukoll ghandu jinsab hati tat-tieni imputazzjoni fit-termini tal-artikolu 183 bhala komplici u li dan igorr mieghu il-piena ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin. Il-Qorti qed tqis dan ir-reat bhala mezz ghall-fini fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u qed tapplika l-artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9. L-imputat ma ressaq l-ebda prova li hu qaleb jew almenu ttenta jaqleb folja gdida f'hajtu u ghalhekk ma hemm ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha taghmel eccezzjoni ghall-prassi ormai stabbilita li bhala Qorti tal-Appell ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena kominata sakemm ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li din kellha tkun anqas jew aktar minn dik erogata;

42. Kwantu l-piena li ghandha tkun kominata issa li l-imputat qed jinstab hati tat-tieni imputazzjoni, hemm zewg fatturi li jehtieg li jkunu mehuda in konsiderazzjoni. Fl-ewwel lok, l-piena dwar it-tieni imputazzjoni hija assorbita fil-piena kominata mill-ewwel Qorti fis-sejbien ta' htija fl-artikolu 184. It-tieni fattur jaghmel minn diversi punti l-ewwel fosthom illi wara diversi differimenti li fihom l-appell kien mholli ghas-sentenza kawza tal-fatt illi l-appellant ma setghax ikun traccat, l-istess appellant ddikjara li kien ghamel tajjeb ghall-ammont ta' flus li llum huma dovuti lill-eredi tal-iffrodat u dan ukoll wara diversi differimenti moghtija minn din il-Qorti lill-appellant fuq talba tieghu sabiex jissalda l-ammont in kwistjoni. Fl-udjenza tal-1 ta' Lulju, 2021 wiehed mill-eredi tad-decujus Victor Muscat u rapprezentant

taghhom kollha, Noel Muscat, iddikjara li l-ammont in kwistjoni kien finalment saldat u li l-eredi ma kellhom l-ebda pretensjoni ohra kontra l-appellant;

43. Marbut ma' din l-ahhar konsiderazzjoni l-Qorti intalbet ukoll tqis id-dikjarazzjoni maghmula minn Doreen Farrugia Grech fir-rikors tal-appellant tat-30 ta' Gunju, 2021. Doreen Farrugia Grech, llum mizzewga lill-appellant, hija l-istess Doreen Spiteri msemmija f'dawn l-atti u li llum ddikjarat li ghal dak li hu imputat bih l-appellant ghamlet kollox hi u wahidha u dan ammettietu fi procedura kriminali kontra taghha. In sostenn ta' din id-dikjarazzjoni kienet esebita sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Doreen Spiteri tal-11 t'April, 2019. F'dawk il-proceduri Doreen Spiteri kienet misjuba hatja wara ammmissjoni taghha stess tal-istess rejati addebitati lill-appellant. Il-Qorti awtorizzat il-produzzjoni ta' din il-prova flimkien ma' dik tal-hlas ghas-saldu **ghal fini tal-piena** li ghandha tkun kominata f'kaz li ma jintlaqax l-appell tieghu u fil-kaz ukoll li jintlaqa' l-appell tal-Avukat Generali;

44. Illi din il-Qorti ser tikkonsidra biss l-hlas tal-ammont frodat bhala motivazzjoni, u dan b'eccezzjoni, ghall-temperament fil-piena in linea mal-prassi addottata minn din il-Qorti fi kwistjonijiet konsimili. Il-fatt illi Doreen Spiteri, llum ammettiet li kienet hi responsabbli minn dan kollu ma hu ta' ebda ghajnuna ghall-appellant kif osservat fil-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti. Tali dikjarazzjoni ma tbiddilx il-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel Qorti u konfermata f'dan l-istadju ta' revizzjoni illi l-imputat huwa hati tar-reati bhala komplici anke ghaliex l-imputat ma talabx li din tkun ammessa bhala prova gdida jekk dan seta qatt isir tenut kont ukoll li din is-sentenza ilha li nghatat fis-sena 2019 dwar persuna li hadet l-istat ta' mart l-appellant u tressqet

biex tixhed proprju fid-19 ta' Lulju, 2021 quddiem din il-Qorti. Illi ghalhekk dak li ser ikun konsiderat minn dan kollu hu l-fatt illi l-appellant issalda d-dejn generat mill-azzjoni kriminuza tieghu. U dan jimmerita temperament fil-piena;

45. Ghaldaqstant qed tilqa' t-talba subordinata tal-appellant ghar-riforma tas-sentenza kwantu tolqot il-piena u kosegwentement ser tvarja s-sentenza kif ser jidher fl-ahhar parti ta' dan l-appell.

46. Ghal dawn il-motivi tiddisponi minn dan l-appell billi fir-rigward tal-appell interpost mill-Avukat Generali, tilqa' in parti t-talba ghar-riforma tas-sentenza appellata kwantu t-tieni imputazzjoni u tichadha kwantu l-ewwel imputazzjoni u konsegwentement thassar dik il-part tas-sentenza li biha ma sabitx lill-appellat hati tat-tieni imputazzjoni u minflok issibu hati taghha bhala komplici u dan wara li rat l-artikoli 184 u 41 tal-Kodici Kriminali;

47. Kwantu l-appell interpost mill-appellant Josef Grech, tichad it-talba tieghu ghat-thassir tas-sentenza kwantu din sabitu hati tat-tielet, r-raba (ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-artikolu 49 tal-Kap 9), il-hames u s-sitt imputazzjoni. Tilqa t-talba tieghu ghar-riforma tas-sentenza appellata kwantu l-piena erogata u konsegwentement thassarha, f'dik il-parti li fiha ikkundannat lill-imputat ghal-perjodu ta' prigunerija ta' hames (5) snin u minflok qed tikkundannah ghal-perjodu ta' prigunerija ta' tlett (3) snin bis-sahha tal-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali u bl-assorbiment tat-tieni imputazzjoni fl-imputazzjoni numru tlieta. Tikkonfermaha fil-bqija, igifieri fil-kundanna ulterjuri ta' tmien (8) xhur prigunerija konsegwenza ta' treggieh fis-sehh tas-sentenza sospiza kif ukoll kwantu kundanna ghall-hlas tal-ispejjez peritali fit-termini tal-artikolu 533 tal-kap 9 u fid-direttiva moghtija lir-Registratur tal-Qrati.

48. Ghal kull buon fini ukoll, tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex igib a konjizzjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fir-rikors tal-appell numru 159/2015 l-fatt illi bis-sahha tas-sentenza odjerna il-Qorti qed iddahhal fis-sehh l-effetti tas-sentenza sospiza moghtija fil-5 ta' Mejju, 2010.